

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 517/2009

tas-17 ta' Ġunju 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 fir-rigward tal-limiti ta' qbid għas-sajd taċ-
 ċiċirell fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa u IV tal-ICES

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi għall-2009 l-oppportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-limiti ta' qbid għaċ-ċiċirell fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa u IV tal-ICES huma proviżorjament stabbiliti fl-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 43/2009.
- (2) Skont il-punt 6 tal-Anness IID tar-Regolament (KE) Nru 43/2009, il-Kummissjoni għandha tirvedi l-qbid massimu permissibbli (TAC) u l-kwoti għall-2009 għaċ-ċiċirell f'dawk iż-żoni, abbażi tal-pariri tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).
- (3) It-TAC għaż-żoni tal-ICES IIa u IV għandu jiġi stabbilit skont il-funzjoni stipulata fit-tieni subparagrafu tal-punt 6 tal-Anness IID għar-Regolament (KE) Nru 43/2009. Skont dik il-funzjoni, it-TAC jammonta għal 435 000 tunnellata.
- (4) Skont il-punt 7 tal-Anness IID għar-Regolament (KE) Nru 43/2009, it-TAC għal ICES żoni IIa u IV ma għandux jaqbeż l-400 000 tunnellata.
- (5) Iċ-ċiċirell huwa stokk tal-Baħar tat-Tramuntana li jinqasam flimkien man-Norveġja, iżda li bħalissa mhuwiex taħt ġestjoni konġunta. Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-konsultazzjonijiet man-Norveġja skont id-dispożizzjonijiet tar-Reġistru Miftiehem tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja tal-10 ta' Diċembru 2008. B'hekk, is-sehem tal-Komunità minn dik il-parti tat-TAC li jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa u IV tal-ICES għandu jkun stabbilit għal 90 % ta' 400 000 tunnellata.
- (6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jirrakkomanda li t-TAC għandu jiżdied b'4,23 % biex ikunu koperti l-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES.
- (7) L-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 l-annotazzjoni dwar l-ispeċi ċiċċirell fl-ilmijiet tal-KE ta' IIIa, u IIa u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

Speċi:		Żona:	
Ċiċċirell <i>Ammodytidae</i>		L-ilmijiet tal-KE ta' IIIa, l-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV ⁽¹⁾ SAN/2A3A4.	
Id-Danimarka	327 249 ⁽²⁾	TAC Analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Il-Ġermanja	501 ⁽³⁾		
L-Iżvezja	12 017 ⁽⁴⁾		
Ir-Renju Unit	7 153 ⁽⁵⁾		
KE	346 920 ⁽⁶⁾		
In-Norveġja	27 500 ⁽⁷⁾		
Il-Gżejjer Faroe	2 500		
TAC	376 920		

⁽¹⁾ Esklużi ilmijiet sa 6 mili mil-linji bażi tal-UK f'Shetland, Fair Isle u Foula

⁽²⁾ Li minnu mhux aktar minn 311 289 tunnellata jistgħu jkunu mistada fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. Il-kwantità li jifdal tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES (SAN/*03A.).

⁽³⁾ Li minnu mhux aktar minn 476 tunnellata jistgħu jkunu mistada fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. Il-kwantità li jifdal tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES (SAN/*03A.).

⁽⁴⁾ Li minnu mhux aktar minn 11 431 tunnellata jistgħu jkunu mistada fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. Il-kwantità li jifdal tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES (SAN/*03A.).

⁽⁵⁾ Li minnu mhux aktar minn 6 804 tunnellata jistgħu jkunu mistada fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. Il-kwantità li jifdal tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES (SAN/*03A.).

⁽⁶⁾ Li minnu mhux aktar minn 330 000 tunnellata jistgħu jkunu mistada fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV. Il-kwantità li jifdal tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIIa tal-ICES (SAN/*03A.).

⁽⁷⁾ Għandhom jinqabdu fiż-żona IV tal-ICES.